



Brussell, 12 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10432/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0227 (COD)

LIMITE

CADREFIN 281	COEST 471
POLGEN 162	COLAC 87
RELEX 815	COTRA 50
ACP 60	COWEB 86
DEVGEN 100	MAMA 145
COHOM 87	MOG 120
COHAFA 51	PTOM 27
COAFR 178	ELARG 103
COASI 105	GLOBAL GATEWAY 41

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Suġġett: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li
jistabbilixxi Ewropa Globali
- *Approċċ ġenerali parzjali*

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Ewropa Globali¹.
2. Il-proposta hija parti mill-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-perjodu 2028-2034. Il-Kummissjoni tipproponi li r-Regolament futur dwar Ewropa Globali jintegra u b'hekk jissostitwixxi għadd ta' strumenti ta' finanzjament estern eżistenti bħalissa².
3. Il-pakkett indikattiv propost għal Ewropa Globali huwa ta' EUR 200 biljun, ikkomplementat minn Riżerva separata għall-Ukrajna ta' sa EUR 100 biljun. L-istrument huwa strutturat madwar sitt pilastri: l-Ewropa; il-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u l-Golf; l-Afrika sub-Saħarjana; l-Asja u l-Paċifiku; il-Kontinent Amerikan u l-Karibew; u pilastru globali. L-implimentazzjoni ser titwettaq prinċipalment permezz ta' programmi ġeografiċi programmabbli, ikkomplementati minn komponenti mhux programmabbli għall-ġhajjnuna umanitarja, l-assistenza makrofinanzjarja, ir-reżiljenza, il-kompetittività, u l-bżonnijiet relatati mal-kriżijiet, il-paċi u dawk ta' politika barranija. Il-proposta għandha wkoll l-għan li żżid il-flessibbiltà billi tnaqqas l-għadd ta' miri tal-infiq, tabolixxi l-pakketti tematiċi vinkolanti u tkabbar ir-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti, u b'hekk iżżid il-kapaċità tal-Kummissjoni li tirrialloka r-riżorsi.
4. Fit-3 ta' Diċembru 2025, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta legiżlattiva³.
5. Fil-5 ta' Frar 2026, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri adottat l-opinjoni tagħha dwar il-proposta legiżlattiva⁴.

¹ 11758/25 + ADD 1-4.

² L-NDICI-GE, l-IPA III, il-Faċilità għall-Moldova, il-Faċilità għall-Ukrajna, il-Faċilità għall-Balkani tal-Punent u l-Finanzjament għall-Ġhajjnuna Umanitarja.

³ 16674/25.

⁴ 6359/26.

II. IL-PROGRESS LI SAR FIL-KUNSILL

6. Is-sottogrupp tal-Istrument Ewropa Globali tal-Grupp ta' Ħidma Ad hoc dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (AHWP MFF Ewropa Globali) beda l-ħidma tiegħu f'Settembru 2025 u eżamina l-proposta tal-Kummissjoni fi 28 laqgħa. Il-Presidenza Daniża ħarġet proposta ta' kompromess inizjali konsolidata tal-Presidenza f'Diċembru 2025.
7. Il-Presidenza Ċiprijotta, abbażi ta' diskussjonijiet sussegwenti artikolu b'artikolu u diskussjonijiet tematiċi fl-AHWP MFF Ewropa Globali, ħejjiet aktar testi ta' kompromess tal-Presidenza u, fl-20 ta' Mejju 2026, fittxet gwida politika mill-Coreper dwar tliet kwistjonijiet pendenti, b'mod partikolari r-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti, il-migrazzjoni u l-ispostament furzat, u r-regoli ta' implimentazzjoni għall-pilastru Ewropa. Fit-3 u l-10 ta' Ġunju 2026, il-Coreper kellu diskussjonijiet dwar żewġ proposti ta' kompromess konsolidati riveduti oħra tal-Presidenza⁵, bil-ħsieb li jitħejja l-fajl għall-adozzjoni sussegwenti ta' approċċ ġenerali parzjali mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fis-16 ta' Ġunju. Fl-aħħar diskussjoni tal-Coreper dwar l-abbozz ta' Regolament, id-delegazzjonijiet esprimew appoġġ ġenerali għat-test ta' kompromess tal-Presidenza li jinsab fid-dokument ST 10149/26, iżda peress li xi wħud minnhom xorta ssuġġerew ftit bidliet żgħar, il-Presidenza ddeċidiet li tintroduċi għadd limitat ta' emendi mmirati fil-verżjoni li għandha tiġi ppreżentata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali bħala l-bażi tal-approċċ ġenerali parzjali tal-Kunsill.
8. Peress li r-Regolament propost jagħmel parti mill-pakkett ta' proposti marbuta mal-QFP, id-dispożizzjonijiet kollha fit-test b'implikazzjonijiet baġitarji jew li jikkorrispondu għall-elementi li jiffurmaw parti min-negozjati orizzontali dwar il-QFP, inkluż elementi importanti ġodda miżjuda mill-Presidenza Ċiprijotta, tqiegħdu bejn parentesi u għalhekk huma esklużi mill-approċċ ġenerali parzjali sakemm isir aktar progress fil-QFP. Dawn id-dispożizzjonijiet jidhru bejn parentesi kwadri fit-test. L-AHWP MFF Ewropa Globali kellu diskussjoni apposta dwar dawn id-dispożizzjonijiet fil-laqgħa tiegħu tat-30 ta' April 2026 fil-preżenza tal-President tal-AHWP MFF u f'konformità mal-metodi ta' ħidma rilevanti, bil-ħsieb li jingħata kontribut għall-valutazzjoni fl-AHWP MFF.

⁵ 9734/26 u 10149/26.

III. IS-SITWAZZJONI ATTWALI FIL-PARLAMENT EWROPEW

9. Il-proposta qed tiġi eżaminata fil-Parlament Ewropew taħt proċedura konġunta AFET–DEVE, b'Michael Gahler (PPE, DE) u Robert Biedroń (S&D, PL) bħala rapporteurs. Il-kumitati BUDG, CONT, FEMM, LIBE u PECH huma kkonsultati għal opinjoni. L-abbozz ta' rapport tar-rapporteurs inħareġ fis-17 ta' April 2026 u ġie ppreżentat f'laqgħa konġunta AFET–DEVE fil-5 ta' Mejju, li formalment nediet il-fażi ta' skrutinju sostantiv u ta' emendi tal-kumitati. L-adozzjoni tar-rapport finali mill-Kumitati AFET u DEVE bħalissa hija prevista għall-15 ta' Ottubru, b'votazzjoni dwar il-mandat ta' negozjar tal-Parlament Ewropew mill-plenarja mistennija f'Novembru 2026.

IV. ELEMENTI EWLENIN TAT-TEST TA' KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA

10. L-elementi ewlenin tat-test ta' kompromess jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:
- a) Il-mudell ta' **governanza** propost fit-test ta' kompromess juri tisħiħ u strutturar ċari tal-involviment tal-Kunsill u tal-Istati Membri fl-istadji kollha taċ-ċiklu ta' implimentazzjoni. Fil-livell strateġiku, il-Kunsill għandu rwol ċentrali permezz ta' dibattiti strateġiċi annwali bbażati fuq rapporti strateġiċi mill-Kummissjoni u permezz tal-qafas ta' rappurtar regolari, filwaqt li jiżgura tmexxija politika kontinwa. Dan huwa kkomplementat minn flussi sistematiċi ta' informazzjoni mill-Kummissjoni, bħal aġġornamenti regolari u fil-ħin dwar l-implimentazzjoni tal-istrument, inkluż is-sitwazzjoni attwali tal-programmazzjoni, u minn obbligu għall-Kummissjoni li tqis il-fehmiet espressi mill-Kunsill.

Ir-rwol tal-Istati Membri huwa msaħħaħ permezz ta' konsultazzjonijiet strutturati u skambji frekwenti ta' informazzjoni mal-Kummissjoni b'approcè ta' Tim Ewropa, inkluż diskussjonijiet konġunti dwar pjanijiet ta' azzjoni. Filwaqt li jiġi enfasizzat ir-rekwiżit li l-Kummissjoni żżomm lill-Kunsill infurmat u li tqis il-fehmiet tiegħu, il-proċedura ta' eżami fil-qafas tal-komitoloġija tibqa' r-regola awtomatika għall-adozzjoni ta' programmi indikattivi pluriennali, u pjanijiet ta' azzjoni u miżuri. Dik il-proċedura tissaħħaħ permezz tal-inklużjoni tal-klawżola ta' "ebda opinjoni" u l-possibbiltà li l-kumitat jiltaqa' f'formati differenti, filwaqt li tiġi żgurata koordinazzjoni xierqa. B'mod parallel, il-governanza hija msaħħa permezz tal-Bord ta' Investiment Ewropa Globali, fejn l-Istati Membri jipprovdu gwida strateġika u operazzjonali u jirċievu rappurtar dettaljat dwar il-garanziji baġitarji, kif ukoll operazzjonijiet ta' taħlit u strumenti finanzjarji.

Il-proposta ta' kompromess tiżgura kontroll baġitarju b'saħħtu, peress li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, jeżerċitaw setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet fuq il-mekkaniżmi ewlenin ta' flessibbiltà, inkluż ir-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti u t-trasferimenti bejn il-pilastri. Barra minn hekk, fir-rigward tas-sorveljanza, il-prevedibbiltà u r-responsabbiltà, livell xieraq ta' obbligi ta' informazzjoni u mekkaniżmi ta' konsultazzjoni jiżgura li l-Kunsill jiġi infurmat regolament u jkun f'pożizzjoni li jinfluwenza l-istadji ewlenin tal-programmazzjoni u ċ-ċiklu ta' implimentazzjoni, inkluż it-tnejjija tal-programmi indikattivi pluriennali, l-aġġustamenti tal-programmazzjoni, il-miżuri relatati mal-migrazzjoni, l-atti delegati u l-pjanijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni. Meħuda flimkien, dawn l-elementi juru tisħiħ sostantiv u progressiv tar-rwol tal-Kunsill fil-governanza tal-istrument, li jgħaqqad it-tmexxija strateġika, il-gwida politika u l-iskrutinju ex post.

- b) L-emendi li jikkonċernaw ir-**riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti** jkomplu jsaħħu l-kontroll tal-Kunsill fuq il-mobilizzazzjoni u l-użu tar-riżerva. B'mod partikolari, fir-rigward tat-trasferimenti awtonomi, dawn jintroduċu obbligu msaħħa għall-Kummissjoni biex tipprovdi informazzjoni dettaljata qabel kwalunkwe tħabbira jew mobilizzazzjoni ta' fondi mir-riżerva u biex tqis l-osservazzjonijiet u s-suġġerimenti tal-Kunsill. Barra minn hekk, l-emendi jistabbilixxu djalogo aktar strutturat u regolari, li jirrikjedi li l-Kummissjoni tinvolvi ruħha fi skambji ta' fehmiet mal-Kunsill mill-inqas darbtejn fis-sena, b'mod partikolari qabel kwalunkwe mobilizzazzjoni prevista tar-riżerva u tqis il-pożizzjonijiet tiegħu. L-ambitu tal-finijiet li għalihom tista' tintuża r-riżerva għe ristrett b'mod li jiġi żgurat li l-mobilizzazzjonijiet jirrispondu għal ċirkostanzi imprevisi jew jindirizzaw ħtiġijiet ġodda jew sfidi emerġenti.
- c) L-emendi dwar il-**migrazzjoni u l-ispostament furzat** jirriflettu approċċ ibbilanċjat u komprensiv, li jintegra b'mod espliċitu d-dimensjonijiet pożittivi tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, inklużi inċentivi u loġika msaħħa "aktar għal aktar". Fl-istess ħin, il-mekkaniżmu ta' sospensjoni marbut mal-obbligu, skont id-dritt internazzjonali, tal-pajjiżi sħab għar-riammissjoni taċ-ċittadini proprji tagħhom huwa ssimplifikat, iċċarat u emendat, anke sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-mira tal-ODA. L-effettività tiegħu tissaħħa permezz ta' għadd imnaqqas ta' eżenzjonijiet u lista aktar ġenerali ta' fatturi li għandhom jitqiesu qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni ta' sospensjoni. Huwa importanti li t-test ta' compromess jippreserva l-eliġibbiltà ġenerali tal-ODA għal 90 % tan-nefqa fil-qafas tal-istrument. Barra minn hekk, ir-rwol tal-Kunsill huwa msaħħa fil-mekkaniżmu ta' sospensjoni permezz tal-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Kummissjoni li tikkonsulta lill-Kunsill dwar l-adegwatezza politika ta' kwalunkwe deċiżjoni taħt il-mekkaniżmu.

- d) L-emendi relatati mar-**regoli ta' implimentazzjoni għall-pilastru Ewropa** jirriflettu l-pożizzjoni b'saħħitha ta' ħafna delegazzjonijiet biex isaħħu l-mudell ta' governanza billi jsaħħu r-rwol tal-Kunsill fil-proċess kollu għat-tnejjja u l-approvazzjoni tal-pjanijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni tas-sħab taħt dan il-pilastru. Dan jinkludi l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet qafas applikabbli għal pjanijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni u, fil-każ tas-sħab tat-tkabbir, l-approvazzjoni tal-valutazzjoni pożittiva ta' dawk il-pjanijiet, filwaqt li jinżammu l-atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni fil-każ tas-sħab tal-Viċinat tal-Lvant. Fir-rigward tal-Ukrajna, il-modalitajiet ta' governanza proposti jirriflettu s-sitwazzjoni eċċezzjonali tal-pajjiż u l-volum ta' appoġġ, li jirrikjedu approċċ differenzjat biex jiġu żgurati l-prevedibbiltà u t-tmexxija b'saħħitha tal-Kunsill, inkluż permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tal-Kunsill biex jiġi stabbilit li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet ta' pagament. Barra minn hekk, ġiet introdotta klawżola ta' rieżami speċifika għall-Ukrajna, li tiċċara li l-Kummissjoni tista' tipproponi emendi għall-arranġamenti ta' governanza, jekk l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fil-pajjiż tkun tirrikjedi dan.
- e) L-emendi dwar l-**eliġibbiltà u l-preferenza Ewropea** jippreservaw il-prinċipju ta' kompetizzjoni miftuħa u ġusta u jqisu kif xieraq ir-restrizzjonijiet iffaċċati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq u l-oġettivi ġenerali ta' effettività tal-iżvilupp. Fl-istess ħin, dawn jintroduċu dispożizzjonijiet aktar b'saħħithom u aktar immirati biex jippromwovu l-preferenza Ewropea u l-parteċipazzjoni tal-kumpaniji Ewropej, bil-ħsieb li jissaħħu l-awtonomija strateġika u l-kompetittività tal-Unjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet huma kkalibrati bir-reqqa sabiex ma jimminawx il-kooperazzjoni ma' sħab oħra. Għal dan l-għan, l-emendi jintroduċu deskrizzjoni aktar ċara tal-interessi strateġiċi tal-UE, jidentifikaw setturi strateġiċi ewlenin, jipprevedu l-possibbiltà ta' aktar appoġġ għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet tas-settur privat mill-Istati Membri, u jipprevedu l-kunsiderazzjoni, fl-għażla tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, tal-kapaċità u r-rieda tagħhom li japplikaw restrizzjonijiet ta' eliġibbiltà. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiġu infurmati regolament, permezz tal-Kumitat Ewropa Globali, bid-deċiżjonijiet li jirrestrinġu jew jestendu l-eliġibbiltà.

- f) It-test ta' kompromess jiżgura li l-**pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej** ikunu eliġibbli biex jibbenefikaw minn azzjonijiet programmabbli reġjonali u transreġjonali ffinanzjati taħt il-pakketti taż-żoni ġeografiċi li jappartjenu għalihom.
- g) **Emendi oħra tal-Presidenza** jinkludu klawżola ta' estinzjoni li tallinja t-tul tal-ħajja tal-istrument mal-perjodu tal-QFP li jmiss, it-tiżiħ tal-oġettivi tal-istrument, inkluż permezz ta' viżibbiltà akbar għall-eradikazzjoni tal-faqar, il-pajjiżi tat-tkabbir u tal-viċinat, it-tħassir tad-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni biex temenda l-mira tal-ODA u l-Anness II, u tiżiħ ulterjuri tal-prinċipji ġenerali relatati mal-fraġilità, is-sensittività għall-ġeneru, il-multilateraliżmu effettiv, u għall-parteciġipazzjoni tal-awtoritajiet lokali, is-soċjetà ċivili u s-settur privat. It-test ta' kompromess fih dispożizzjonijiet imsaħħa dwar l-approċċ ta' Tim Ewropa. Ir-rwol tal-BEI ġie kkonsolidat b'mod sostanzjali, inkluż permezz ta' pakketti esklużivi tal-BEI għal garanziji baġitarji.

V. **KONKLUŻJONI**

11. Il-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) huwa mistieden jadotta approċċ ġenerali parzjali, fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2026, dwar it-test li jinsab fid-dokument ST 10442/26.